MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 223/2006

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw zwieg fil-hamsa ta' Lulju elf disa' mija seba' u disghin (5.07.1997) [vide Dok. A];

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli hgal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b' mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

6. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1) (c) u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(h).

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Rat li l-konvenut ghazel li jibqa' kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut kuntrattat fil-5 ta' Lulju 1997 huwa

null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Mill-provi mhux kontraddetti, u konfortati minn xhieda prodotti mill-attrici, jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Lulju 1997 meta allura l-attrici kellha 18-il sena u l-konvenut kellu 25 sena u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa sena u nofs. Wara konvivenza matrimonjali ta' tlett snin il-partijiet isseparaw meta l-attrici baqghet sejra Merhba Bik.

L-attrici tghid li sa minn qabel iz-zwieg ir-relazzjoni taghhom kienet dejjem bil-problemi li baqghu maghhom wara z-zwieg u tul il-konvivenza matrimonjali kollha. Il-konvenut kien ghazzien u mohhu fil-kaxxi tal-loghob, ma kienx jahdem, u kien jibqa' rieqed sa' l-12.00 pm biex imbaghad johrog u jidhol lura fis-sieghat bikrin ta' filghodu. Ta' spiss, u ghal ebda raguni, kien isawwatha partikolarment meta kien jitlef fil-loghob. Inoltre, kemm qabel iz-zwieg kif ukoll fiz-zwieg kien ikkommetta attivita' kriminuza, u kien gie anke f' okkazzjonijiet separati kkundannat mill-Qorti tal-Magistrati fuq reati ta' serq, hsara volontarja u abbuz mid-droga.

L-attrici tghid li ghandha tlett-it tfal li mhumiex tal-konvenut peress li dan ma setghax ikollu tfal, liema kondizzjoni medika ma kienitx taf biha qabel iz-zwieg. Mill-provi jirrizulta li tnejn minn dawn it-tfal huma registrati fuq missierhom li mhuwiex il-konvenut, izda l-ewwel wiehed, avolja mhux tal-konvenut, ghadu registrat fuqu peress li ma kienx ghadda t-terminu preskritt mill-ligi.

Ix-xhieda ta' l-attrici ssib konfort fix-xhieda ta' omm il-konvenut, li tiddeskrivi lil binha bhala bniedem ahrax, tant, li kienet keccietu mid-dar biex ma jkomplix jiggieled ma' hutu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti tirraviza f' dan il-kaz il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat,

ezistenti fil-konfront tal-konvenut, li mill-komportament tieghu lejn l-attrici, kemm qabel u wisq aktar wara z-zwieg, wera li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja konjugali. Il-konvenut ma fehemx li z-zwieg huwa unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied, u l-komportament irresponsabbli u aggressiv tieghu fil-konfront ta’ martu fiz-zwieg kien ta’ ostakolu serju sabiex tibda tinbena bejniethom “a community of life and love.”

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, skond l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-5 ta’ Lulju 1997.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------